IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.7.2024
COM(2024) 291 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva (UE) 2015/1794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 li temenda d-Direttivi 2008/94/KE, 2009/38/KE u 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u d-Direttivi tal-Kunsill 98/59/KE u 2001/23/KE, fir-rigward tal-baħħara

1. Introduzzjoni

Dan ir-rapport huwa dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta' żewġ dispożizzjonijiet speċifiċi tad-Direttiva (UE) 2015/1794[1] ("id-Direttiva") li jdaħħlu lill-baħħara[2] fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 98/59/KE[3] dwar ir-Redundancies Kollettivi (id-"Direttiva dwar ir-Redundancies Kollettivi") u tad-Direttiva 2001/23/KE[4] dwar it-trasferimenti ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (id-"Direttiva dwar it-Trasferiment tal-Impriżi").

Id-Direttiva ddaħħal lill-baħħara, li qabel kienu esklużi, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' ħames direttivi dwar il-liġi tax-xogħol[5]. Skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-Istati Membri u mas-sħab soċjali fil-livell tal-UE, trid tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport speċifikament dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Artikolu 4 (emendi għad-Direttiva dwar ir-Redundancies Kollettivi) u tal-Artikolu 5 (emendi għad-Direttiva dwar it-Trasferiment tal-Impriżi).

Ir-rapport huwa prinċipalment ibbażat fuq informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u mis-sħab soċjali settorjali fil-livell tal-UE[6] fi kwestjonarju dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni prattika tad-Direttiva. Sabiex l-istampa tkun waħda sħiħa, din l-informazzjoni hija kkomplementata, fejn meħtieġ, minn informazzjoni minn analiżijiet esperti tal-konformità tad-dispożizzjonijiet nazzjonali mad-Direttiva u mill-investigazzjonijiet tal-Kummissjoni stess.

1.1 Sfond u kuntest

Matul is-snin, l-UE adottat għadd sostanzjali ta' direttivi fil-qasam tal-liġi tax-xogħol. Dawn essenzjalment għandhom l-għan li jiżguraw li l-ħolqien u t-tlestija tas-suq uniku ma jwasslux għal standards tax-xogħol aktar baxxi jew għal distorsjonijiet fil-kompetizzjoni u li jtejbu l-kundizzjonijiet

---

1 Id-Direttiva (UE) 2015/1794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 li temenda d-Direttivi 2008/94/KE, 2009/38/KE u 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u d-Direttivi tal-Kunsill 98/59/KE u 2001/23/KE, fir-rigward tal-baħħara (ĠU L 263, 8.10.2015, p. 1).

2 Dan ir-rapport juża t-terminu "baħħara" biex jirreferi għall-esklużjoni preċedenti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi, jiġifieri ta' "ekwipaġġi ta' bastimenti tal-baħar" mid-Direttiva dwar ir-Redundancies Kollettivi u ta' "bastimenti tal-baħar" mid-Direttivi dwar it-Trasferiment tal-Impriżi. Huwa jkopri l-persunal abbord bastimenti kemm tal-flotta merkantili kif ukoll tas-sajd. Meta jkun meħtieġ li ssir distinzjoni bejn dawn iż-żewġ setturi, issir referenza speċifika għas-settur inkwistjoni.

3 Id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi (ĠU L 225, 12.8.1998, p. 16).

4 Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16).

5 Minbarra d-Direttiva dwar ir-Redundancies Kollettivi u d-Direttiva dwar it-Trasferiment tal-Impriżi:
- Id-Direttiva 2008/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar il-protezzjoni tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom (ĠU L 283, 28.10.2008, p. 36–42);
- Id-Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-impjegati (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 122, 16.5.2009, p. 28);
- Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29).

6 Kwestjonarju għall-maniġment mibgħut lill-Assoċjazzjoni tas-Sidien tal-Bastimenti tal-Komunità Ewropea (ECSA) u lil Europêche; kwestjonarju għall-ħaddiema mibgħut lill-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF).

tal-għajxien u tax-xogħol fl-UE. Dawn id-direttivi huma ġeneralment applikabbli għas-setturi kollha ta' attività u għall-kategoriji kollha ta' ħaddiema, iżda tipi differenti ta' baħħara[7] ġew eskluży jew jistgħu jiġu eskluży mill-Istati Membri mill-kamp ta' applikazzjoni ta' bosta minnhom. Dawn kienu speċifikament eskluży mill-ħames direttivi msemmija hawn fuq. Għalhekk, huma ma ngħatawx l-istess protezzjoni bħall-ħaddiema fuq l-art b'rabta mal-insolvenza, ir-redundancies kollettivi u t-trasferimenti tal-impriżi, u ma bbenefikawx mill-istess drittijiet biex jistabbilixxu Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej jew għal informazzjoni u konsultazzjoni minn min iħaddem.

Id-Direttiva 2015/1794 ġiet adottata fis-6 ta' Ottubru 2015. Hija għandha l-għan li ttejjeb il-livell ta' protezzjoni tal-baħħara u li tarmonizza d-drittijiet soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, u b'hekk ittejjeb l-attraenza tal-professjoni u tiżgura kundizzjonijiet ekwi fis-settur. Hija ttemm l-esklużjoni preċedenti tal-baħħara msemmija hawn fuq. Id-Direttiva għandha wkoll l-għan li: (i) tiżgura li l-piż finanzjarju u amministrattiv fuq il-kumpaniji li joperaw il-bastimenti jibqa' proporzjonat għat-titjib fid-drittijiet tal-ħaddiema; (ii) tissalvagwardja l-objettiv li jiżdied l-impjieg tal-baħħara fl-UE; u (iii) tnaqqas ir-riskju ta' bdil tal-Istat tal-bandiera (fejn il-bastimenti jiġu mċaqilqa mir-reġistru nazzjonali għal dak ta' Stat ieħor biex jiġu evitati l-kostijiet u r-restrizzjonijiet). Hija tqis in-natura speċifika tal-professjoni tat-tbaħħir u tipprevedi bidliet fil-karatteristiċi tas-settur, bħall-bejgħ frekwenti ta' bastimenti u l-bejgħ ta' kumpaniji li joperaw bastiment wieħed biss.

2. L-implimentazzjoni tal-Artikoli 4 u 5

L-Istati Membri kellhom jittrasponu d-Direttiva sal-10 ta' Ottubru 2017[8], u l-Istati Membri kollha rrapportaw miżuri ta' traspożizzjoni, inkluż b'rabta mal-Artikoli 4 u 5[9].

2.1 Kontenut u objettiv tal-Artikolu 4

L-Artikolu 4 tad-Direttiva jemenda d-Direttiva dwar ir-Redundancies Kollettivi. Dik id-Direttiva għandha l-għan li tipproteġi lill-ħaddiema fil-każ ta' redundancies kollettivi permezz ta' proċeduri dwar l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u n-notifika li jrid josserva min iħaddem. Min iħaddem, li jkun qed jikkunsidra redundancies kollettivi, irid jinforma u jikkonsulta mar-rappreżentanti tal-ħaddiema. L-għan huwa li jiġu esplorati modi kif jiġu evitati redundancies kollettivi jew kif jitnaqqas l-għadd ta' ħaddiema affettwati u li jitnaqqas l-impatt billi jiġu implimentati miżuri soċjali ta' akkumpanjament. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu għajnuna għall-iskjerament mill-ġdid jew għat-taħriġ mill-ġdid ta' dawk il-ħaddiema li ngħataw is-sensja. Dan jipprevedi wkoll li r-redundancies kollettivi previsti jridu jiġu nnotifikati lill-awtorità pubblika kompetenti u li s-sensji ma jistgħux jidħlu fis-seħħ qabel 30 jum wara tali notifika.

L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva jneħħi l-Artikolu 1(2)(c) tad-Direttiva dwar ir-Redundancies Kollettivi. Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi li d-Direttiva dwar ir-Redundancies Kollettivi ma kinitx applikabbli għall-ekwipaġġi tal-bastimenti tal-baħar, għalkemm l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar ir-Redundancies Kollettivi jippermetti lill-Istati Membri japplikaw jew jadottaw regoli li huma aktar favorevoli għall-impjegati. Għalhekk, qabel it-traspożizzjoni tad-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li

---

7 Is-sajjieda mhux impjegati taħt kuntratt ta' servizz mid-Direttiva dwar l-insolvenza, l-ekwipaġġ tal-flotta merkantili mid-Direttiva dwar il-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej, l-ekwipaġġi ta' bastimenti tal-baħar fl-ibħra internazzjonali mid-Direttiva dwar l-Informazzjoni u l-Konsultazzjoni, l-ekwipaġġi ta' bastimenti tal-baħar mid-Direttiva dwar ir-Redundancies Kollettivi, u bastimenti tal-baħar mid-Direttiva dwar it-Trasferiment tal-Impriżi.

8 L-Artikolu 8(1).

9 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/NIM/?uri=CELEX:32015L1794

jeskludu l-ekwipaġġi tal-bastimenti tal-baħar mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni li tittrasponi d-Direttiva dwar ir-Redundancies Kollettivi.

Barra minn hekk, l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva jdaħħal subparagrafu ġdid fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar ir-Redundancies Kollettivi dwar il-proċedura ta' notifika li jaqra kif ġej:

> *Meta s-sensji kollettivi previsti jkunu jikkonċernaw lil membri tal-ekwipaġġ ta' bastiment tal-baħar, min jimpjega għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat tal-bandiera mtajra mill-bastiment.*

B'mod ġenerali, il-proċedura ta' notifika skont l-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva dwar ir-Redundancies Kollettivi tippermetti lill-awtorità kompetenti tfittex soluzzjonijiet għall-problemi li jistgħu joħolqu s-sensji previsti, bħal billi jittaffew l-effetti soċjoekonomiċi tas-sensji tal-massa f'ċertu qasam jew settur. L-inseriment tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva jirrifletti n-natura speċifika tal-professjoni tal-baħħara billi jistabbilixxi li n-notifika għandha ssir lill-awtorità kompetenti tal-Istat tal-bandiera. Skont il-proposta tagħha, il-Kummissjoni qieset li din kienet meħtieġa bħala kjarifika minħabba l-koeżistenza potenzjali ta' kuntratti ta' impjieg skont liġijiet nazzjonali differenti[10].

2.2 Tweġibiet tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 4

2.2.1 L-Artikolu 4(1): it-tmiem tal-esklużjoni

Total ta' 11-il Stat Membru qabel kienu eskludew l-ekwipaġġi tal-bastimenti tal-baħar mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom dwar ir-redundancies kollettivi (BE, DK, DE, IE, EL, EE, CY, LV, LU, MT, SK[11]). Dawn l-Istati Membri kollha emendaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom biex itemmu l-esklużjoni u jdaħħlu l-ekwipaġġi ta' bastiment tal-baħar fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema li tirregola r-redundancies kollettivi kif meħtieġ mill-Artikolu 4(1) tad-Direttiva.

Kien hemm 16-il Stat Membru li qatt ma kienu eskludew l-ekwipaġġi tal-bastimenti tal-baħar (BG, CZ, ES, FR, HR, IT, LT, HU, NL, AT, PL, PT, RO, SI, FI, SE) u li, għalhekk, ma kellhomx bżonn jemendaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom biex idaħħlu tali ekwipaġġi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

2.2.2. L-Artikolu 4(2): notifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat tal-bandiera

L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva dwar in-notifika ta' redundancies prospettivi lill-awtorità tal-Istat tal-bandiera li tkun imtajra mill-bastiment ġie traspost speċifikament minn 13-il Stat Membru (BE, DE, IE, EE, EL, IT, CY, LU, HU, MT, PL, RO, SK). Minn dawn, tlieta ttrasponewh kelma b'kelma (CY, HU, SK), billi stabbilew li fejn ir-redundancies kollettivi previsti jkunu jikkonċernaw ekwipaġġi ta' bastimenti tal-baħar, in-notifika trid issir lill-awtorità kompetenti tal-Istat tal-bandiera li tkun imtajra mill-bastiment.

L-għaxar Stati Membri l-oħrajn jiddeterminaw liema awtorità kompetenti għandha tiġi nnotifikata b'varjetà ta' modi deskritti hawn taħt.

---

10 COM(2013)798 final tat-18.11.2013, p. 10 (Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet dwar l-Artikolu 4).

11 L-abbrevjazzjonijiet għall-Istati Membri f'dan ir-rapport huma: BE (il-Belġju), BG (il-Bulgarija), CZ (iċ-Ċekja), DK (id-Danimarka), DE (il-Ġermanja), EE (l-Estonja), IE (l-Irlanda), EL (il-Greċja), ES (Spanja), FR (Franza), HR (il-Kroazja), IT (l-Italja), CY (Ċipru), LV (il-Latvja), LT (il-Litwanja), LU (il-Lussemburgu), HU (l-Ungerija), MT (Malta), NL (in-Netherlands), AT (l-Awstrija), PL (il-Polonja), PT (il-Portugall), RO (ir-Rumanija), SI (is-Slovenja), SK (is-Slovakkja), FI (il-Finlandja), SE (l-Iżvezja).

- Erba' Stati Membri jipprevedu n-notifika lill-awtorità tal-Istat tal-bandiera, iżda jillimitawha għal bastimenti li jtajru l-bandiera ta': (i) Stat ieħor (EE) li huwa parti kontraenti għall-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea; (ii) Stat Membru ieħor tal-UE (DE); jew (iii) l-Istat Membru tagħhom stess (BE, PL).
- Il-Greċja u Malta jobbligaw lil min iħaddem jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tiegħu bi kwalunkwe sensja kollettiva prevista ta' ekwipaġġ ta' bastimenti tal-baħar.
- Żewġ Stati Membri (LU, RO) jipprevedu notifiki addizzjonali fejn ir-redundancies kollettivi jkunu jikkonċernaw l-ekwipaġġ ta' bastimenti tal-baħar. Fil-Lussemburgu, min iħaddem irid jinnotifika lill-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera kif ukoll lill-awtorità nazzjonali kompetenti proprja. Fir-Rumanija, in-notifika trid tiġi sottomessa wkoll lill-awtorità kompetenti tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment fejn ir-redundancies kollettivi jkunu jikkonċernaw il-membri tal-ekwipaġġ ta' bastiment tal-baħar.
- L-Irlanda tiddistingwi bejn in-notifika lill-Ministru għall-Affarijiet tal-Impjiegi u l-Protezzjoni Soċjali fejn il-bastiment ikun qed itajjar il-bandiera Irlandiża jew lill-awtorità kompetenti ta' Stat ieħor fejn il-bastiment ikun qed itajjar il-bandiera ta' dak l-Istat l-ieħor.
- Bl-istess mod, fl-Italja, min iħaddem irid jinnotifika lill-awtorità kompetenti Taljana fejn ir-redundancies kollettivi previsti jkunu jikkonċernaw membri tal-ekwipaġġ ta' nazzjonalità Taljana jew li r-relazzjoni ta' impjieg tagħhom hija regolata mil-liġi Taljana u mill-awtorità kompetenti tal-Istat barrani fejn il-membri tal-ekwipaġġ ikkonċernati jkunu fuq bastiment li jtajjar bandiera li ma hijiex il-bandiera Taljana.

L-14-il Stat Membru li jifdal (BG, CZ, DK, ES, FR, HR, LT, LV, NL, AT, PT, SI, FI, SE) ma emendawx il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom dwar dan il-punt u, għalhekk, ma jispeċifikawx awtorità kompetenti biex tirċievi n-notifiki meta r-redundancies kollettivi prospettivi jkunu jikkonċernaw l-ekwipaġġi ta' bastimenti tal-baħar. Il-Kummissjoni tifhem li d-dispożizzjonijiet nazzjonali eżistenti li jobbligaw lil min iħaddem jinnotifika lill-awtorità pubblika kompetenti bir-redundancies kollettivi previsti japplikaw ukoll fejn dawn ir-redundancies ikunu jikkonċernaw l-ekwipaġġi ta' bastimenti tal-baħar. Konsegwentement, f'dawn l-Istati Membri, l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva huwa traspost billi jistipula li min iħaddem irid jinnotifika r-redundancies kollettivi ppjanati tal-membri tal-ekwipaġġ ta' bastimenti tal-baħar lill-istess awtorità pubblika li lilha jridu jiġu nnotifikati r-redundancies kollettivi tal-ħaddiema l-oħrajn kollha.

2.3 Kummenti mis-sħab soċjali dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 4

Għal min iħaddem fis-settur marittimu, l-Assoċjazzjoni tas-Sidien tal-Bastimenti tal-Komunità Ewropea (ECSA) tqis li l-Istati Membri kollha ttrasponew l-Artikolu 4 tad-Direttiva b'mod sodisfaċenti. Europêche, li tirrappreżenta lil min iħaddem fis-settur tas-sajd, ma pprovdietx kontribuzzjoni. Għas-sħab soċjali li jirrappreżentaw lill-ħaddiema, il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) ma setgħetx tipprovdi informazzjoni sostanzjali dwar it-traspożizzjoni fl-Istati Membri minħabba nuqqas ta' informazzjoni mill-affiljati tagħha. Madankollu, l-ETF ikkritikat it-traspożizzjoni fir-Renju Unit[12], li f'dak iż-żmien kien Stat Membru[13].

[12] Skont liema min iħaddem irid jagħti n-notifika "lill-awtorità kompetenti tal-Istat fejn il-bastiment huwa rreġistrat (minflok lis-Segretarju tal-Istat)".

[13] L-ETF irreferiet għall-każ ta' P&O Ferries. Il-kumpanija ġiet stabbilita fir-Renju Unit u nnotifikat lill-awtoritajiet Ċiprijotti dwar ir-redundancies kollettivi relatati mal-ekwipaġġ fuq il-bastimenti tal-passiġġieri tagħhom li jtajru l-bandiera Ċiprijotta. Fil-fehma tal-ETF, dan wera li n-notifika lill-awtorità pubblika kompetenti tal-bandiera tal-bastiment għandha tkun addizzjonali għad-dmir li jiġu rrapportati r-

2.4 Kontenut u objettiv tal-Artikolu 5

L-Artikolu 5 tad-Direttiva jemenda d-Direttiva dwar it-Trasferiment tal-Impriżi. Dik id-Direttiva tistabbilixxi d-drittijiet tal-impjegati meta jkun hemm trasferiment tas-sjieda ta' kumpanija li fiha jaħdmu, kif ukoll l-obbligi tal-bejjiegħ ("ċedent") u tax-xerrej ("ċessjonarju"). Hija tipprevedi li t-trasferiment ta' kumpanija ma jkunx raġuni għat-tkeċċija u li l-impjegati jżommu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom minn kuntratt jew relazzjoni ta' impjieg eżistenti. Barra minn hekk, sabiex jintlaħaq ftehim, iċ-ċedent u ċ-ċessjonarju jridu jinformaw u jikkonsultaw lir-rappreżentanti tal-impjegati fi żmien xieraq qabel ma titwettaq il-bidla fin-negozju u qabel ma jiġu adottati miżuri li jaffettwaw lill-impjegati.

Preċedentement, l-Artikolu 1(3) tad-Direttiva dwar it-Trasferiment tal-Impriżi ppreveda li dik id-Direttiva ma kinitx tapplika għall-bastimenti tal-baħar, għalkemm l-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar it-Trasferiment tal-Impriżi tippermetti espliċitament lill-Istati Membri japplikaw jew jadottaw regoli li huma aktar favorevoli għall-impjegati. Għalhekk, qabel it-traspożizzjoni tad-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeskludu l-bastimenti tal-baħar mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni li tittrasponiha.

Skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva, l-Artikolu 1(3) tad-Direttiva dwar it-Trasferiment tal-Impriżi huwa sostitwit b'dan li ġej:

> *Din id-Direttiva għandha tapplika għal trasferiment ta' bastiment tal-baħar li huwa parti minn trasferiment ta' impriża, negozju jew parti minn impriża jew negozju fis-sens tal-paragrafi 1 u 2, dment li ċ-ċessjonarju jinsab, jew l-impriża, in-negozju, jew parti minn impriża jew negozju ttrasferiti jibqgħu, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattat.*
>
> *Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika fejn l-oġġett tat-trasferiment jikkonsisti esklużivament minn bastiment tal-baħar wieħed jew aktar.*

2.5 Tweġibiet tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 5

2.5.1. L-Artikolu 5 li jissostitwixxi l-Artikolu 1(3), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva dwar it-Trasferiment tal-Impriżi: it-tmiem tal-esklużjoni

Total ta' 11-il Stat Membru eżentaw bastimenti tal-baħar mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli nazzjonali tagħhom dwar it-trasferiment tal-impriżi qabel id-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 5 tad-Direttiva (BE, DK, EE, IE, EL, CY, LU, MT, NL, RO, FI). Kollha kemm huma emendaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom biex idaħħlu l-bastimenti tal-baħar fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom.

Madankollu, 16-il Stat Membru kienu diġà applikaw il-leġiżlazzjoni tagħhom dwar it-trasferiment tal-impriżi għall-bastimenti tal-baħar (BG, CZ, DE, ES, FR, HR, IT, LV, LT, HU, AT, PL, PT, SI, SK, SE). Għalhekk, huma ma kellhomx bżonn jemendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom biex idaħħluha fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom.

2.5.2 L-Artikolu 5 li jissostitwixxi l-Artikolu 1(3), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva dwar it-Trasferiment tal-Impriżi: kamp ta' applikazzjoni territorjali

---

redundancies lill-awtorità pubblika kompetenti tal-Istat Membru li minnu joperaw il-baħħara, u mhux minfloku.

L-Artikolu 5 jippermetti wkoll lill-Istati Membri jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-applikazzjoni tar-regoli għat-trasferimenti ta' bastimenti tal-baħar jekk ix-xerrej ikun jinsab fl-UE jew jekk l-impriża ttrasferita tibqa' fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati.

Total ta' 13-il Stat Membru ttrasponew din id-dispożizzjoni, disgħa minnhom kelma b'kelma (BE, DK, IE, EL, EE, IT, LV, NL, RO). Mill-erba' Stati Membri l-oħrajn, il-Finlandja tistabbilixxi li d-drittijiet u l-obbligi mir-relazzjoni ta' impjieg u l-benefiċċji tal-impjegati jiġu ttrasferiti lis-sid il-ġdid tan-negozju, sakemm il-bejjiegħ jew ix-xerrej ma jkunx stabbilit barra mill-UE jew miż-Żona Ekonomika Ewropea. Il-Lussemburgu u Malta jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni territorjali billi jistabbilixxu li x-xerrej irid ikun jinsab fl-Istat Membru tagħhom jew li l-impriża trid tibqa' fl-Istat Membru tagħhom. Ċipru jillimita l-kamp ta' applikazzjoni għall-bastimenti tal-baħar Ċiprijotti.

L-14-il Stat Membru li jifdal ma llimitawx il-kamp ta' applikazzjoni territorjali.

2.5.3 L-Artikolu 5 li jissostitwixxi l-Artikolu 1(3), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva dwar it-Trasferiment tal-Impriżi: l-esklużjoni tat-trasferimenti tal-bastimenti biss

It-tieni sentenza tal-Artikolu 5 teskludi trasferimenti li jinvolvu biss bastiment tal-baħar wieħed jew aktar.

Total ta' 13-il Stat Membru ttrasponew din id-dispożizzjoni u, b'hekk, jeskludu t-trasferimenti tal-bastimenti biss (BE, DK, IE, EL, EE, IT, CY, LV, LU, MT, NL, PT, RO). Madankollu, 14-il Stat Membru (BG, CZ, DE, ES, FR, HR, LT, HU, AT, PL, SI, SK, SE, FI) ma ttrasponewhiex u, b'hekk, ma jeskludux trasferimenti ta' bastimenti biss mil-leġiżlazzjoni li tittrasponi d-Direttiva dwar it-Trasferiment tal-Impriżi.

2.6 Kummenti mis-sħab soċjali dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 5

Għal min iħaddem fis-settur marittimu, l-ECSA tqis li l-Istati Membri kollha ttrasponew l-Artikolu 5 tad-Direttiva b'mod sodisfaċenti. Europêche, li tirrappreżenta lil min iħaddem fis-settur tas-sajd, ma pprovdietx kontribuzzjoni. Għas-sħab soċjali li jirrappreżentaw il-ħaddiema, l-ETF ma pprovdietx informazzjoni sostanzjali dwar it-traspożizzjoni fl-Istati Membri minħabba nuqqas ta' informazzjoni mill-affiljati tagħha.

3. L-applikazzjoni tal-Artikoli 4 u 5

Minbarra l-informazzjoni dwar il-miżuri ta' implimentazzjoni tagħhom, l-Istati Membri u s-sħab soċjali ntalbu wkoll jipprovdu informazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali li jittrasponu l-Artikoli 4 u 5.

3.1. It-tweġibiet tal-Istati Membri

3.1.1. Notifiki ta' redundancies kollettivi previsti

Ħames Stati Membri biss irrapportaw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ġew innotifikati bir-redundancies kollettivi previsti tal-membri tal-ekwipaġġ tal-bastimenti tal-baħar (FR, CY, LV, NL, FI). L-Istati Membri l-oħrajn ma kinux konxji ta' każijiet bħal dawn (BE, BG, CZ, DK, DE, EE, IE, EL, ES, IT, LT, LU, HU, MT, AT, PL, PT, RO, SI, SK), ma setgħux jiddistingwu bejn il-professjonijiet tal-impjegati li r-redundancies previsti tagħhom ġew innotifikati (HR) jew ma pprovdew l-ebda informazzjoni (SE).

Fi Franza, l-awtorità nazzjonali kompetenti ġiet innotifikata sitt darbiet bejn l-2015 u l-2020.

Ċipru rrapporta li kien jaf b'notifika waħda dwar P&O Ferries, stabbilita fir-Renju Unit. Il-kumpanija kienet keċċiet madwar 800 baħħar, inkluż fuq erba' bastimenti tal-passiġġieri li jtajru l-bandiera Ċiprijotta.

Il-Latvja rrapportat notifika waħda fl-2022 li affettwat 125 impjegat.

In-Netherlands wieġbu li fl-2020 ġiet irreġistrata notifika waħda dwar impjegatur ibbażat hemmhekk li affettwat lil 63 baħħar. Fl-2021, it-tieni notifika kienet tikkonċerna bastimenti tal-baħar li jtajru bandiera Netherlandiża, għalkemm l-impjegatur ma kienx ibbażat fin-Netherlands, u din affettwat 28 baħħar.

Il-Finlandja hija konxja tan-notifiki dwar il-membri tal-ekwipaġġ tal-bastimenti , iżda ma kellhiex aċċess għal ċifri preċiżi jew informazzjoni oħra. Barra minn hekk, il-Finlandja spjegat li d-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar ir-redundancies kollettivi diġà japplikaw meta min iħaddem ikun qed jippjana li jkeċċi ħaddiem wieħed.

L-ebda Stat Membru ma rrapporta każ li fih l-awtorità nazzjonali kompetenti tiegħu rċeviet notifiki ta' redundancies kollettivi previsti li jikkonċernaw membri tal-ekwipaġġ ta' bastiment tal-baħar li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru ieħor.

3.1.2. Trasferimenti ta' impriżi li jinvolvu bastimenti tal-baħar

Żewġ Stati Membri biss kienu konxji ta' trasferimenti ta' bastimenti tal-baħar li kienu parti minn trasferiment skont id-Direttiva (BE, FI). Il-Belġju ddikjara li s-sħab soċjali kienu jafu b'każ wieħed fejn diversi bastimenti ta' kumpanija waħda ġew ittrasferiti lil kumpanija oħra, filwaqt li l-Finlandja ma pprovdiet l-ebda informazzjoni ulterjuri. Żewġ Stati Membri ma pprovdewx informazzjoni dwar il-kwistjoni (FR, SE), l-Italja rrapportat li ma kien hemm l-ebda trasferiment bħal dan, u l-bqija tal-Istati Membri ma kienu jafu bl-ebda każ.

3.1.3. Proċedimenti legali

L-Istati Membri ma rrapportaw l-ebda proċediment legali fil-qrati nazzjonali tagħhom relatat mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva.

3.1.4. Impatt tad-Direttiva

L-obbligu ta' rapportar tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva ġie introdott, b'mod partikolari, biex jiġi vvalutat l-impatt tad-Direttiva l-ġdida fuq żewġ kwistjonijiet: (i) il-bdil tal-Istat tal-bandiera tal-bastimenti għal Stati oħrajn; u (ii) il-livell ta' impjieg tal-baħħara tal-UE. Il-bidliet fil-flotta taħt il-bandiera ta' Stat Membru jistgħu jagħtu stampa akkurata tal-fenomenu ta' "bdil tal-Istat tal-bandiera". Il-livell ta' impjieg f'settur speċifiku huwa aktar diffiċli li jiġi vvalutat, iżda x-xejriet fl-għadd ta' persuni li jaħdmu bħala baħħara jagħmluha possibbli li jinstiltu xi konklużjonijiet provviżorji dwar din il-kwistjoni.

3.1.4.1. L-impatt fuq l-għadd ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru

B'mod ġenerali, it-tweġibiet tal-Istati Membri ma jurux li l-implimentazzjoni tal-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva kienet ta' detriment għall-għadd ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istati Membri. Dan jissuġġerixxi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn iż-żewġ Artikoli u t-traspożizzjoni tagħhom mill-Istati Membri ma wasslux għal bdil tal-Istat tal-bandiera.

Mill-Istati Membri li emendaw il-liġijiet nazzjonali tagħhom biex idaħħlu l-ekwipaġġi tal-bastimenti tal-baħar fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tagħhom li tittrasponi d-Direttiva dwar ir-Redundancies Kollettivi, ħamsa biss innotaw tnaqqis fl-għadd ta' bastimenti tal-baħar li jtajru l-bandiera tagħhom (BE, EE, EL, IT, PL). Minbarra dawn il-ħames Stati Membri, in-Netherlands irrapportaw ukoll tnaqqis wara li kienu daħħlu bastimenti tal-baħar fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tagħhom li tittrasponi d-Direttiva dwar it-Trasferiment tal-Impriżi.

Xi Stati Membri pprovdew informazzjoni aktar dettaljata dwar it-tnaqqis. Il-Belġju rrapporta li l-għadd ta' bastimenti merkantili rreġistrati hemmhekk naqas bi ftit minn 238 għal 237 f'aktar minn 5 snin bejn l-2016 u l-2022, iżda li t-tunnellaġġ gross żdied minn 7 750 000 GT għal 9 780 000 GT. L-għadd ta' bastimenti tas-sajd tal-pajjiż naqas, iżda ma speċifikax b'kemm. Fl-Italja, l-għadd ta' bastimenti tal-flotta merkantili ta' aktar minn 100 GT naqas bi 8 % bejn l-2017 u l-2020 (minn 1 448 għal 1 334). Il-Polonja rrapportat li l-għadd ta' bastimenti u ta' tunnellaġġ gross naqas bejn l-2015 u l-2021 minn 151 għal 134 bastiment u minn madwar 80 000 għal 69 000 GT. Fin-Netherlands, l-għadd ta' bastimenti naqas minn 1 233 għal 1 212 bejn l-2014 u l-2021. Madankollu, dawn l-Istati Membri jassumu li din ix-xejra ma hijiex marbuta mad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva, iżda hija dovuta għal: (i) reġistrazzjoni orħos ta' bastimenti taħt bnadar oħrajn (PL); (ii) kundizzjonijiet aħjar meta jtajru l-bandiera ta' Stat ieħor (EE); (iii) bdil tal-Istat tal-bandiera (NL); u (iv) ħafna mill-protezzjonijiet previsti fid-Direttiva kienu diġà applikabbli għall-membri tal-ekwipaġġ tal-bastimenti tal-baħar qabel id-Direttiva (IT).

B'kuntrast għal dan, l-Irlanda u l-Portugall osservaw żieda fl-għadd ta' bastimenti tal-baħar li jtajru l-bnadar tagħhom. Huma ma pprovdewx *data* dettaljata, u l-Irlanda ma pprovdiet l-ebda raġuni possibbli għaż-żieda. Il-Portugall ma jemminx li din iż-żieda hija dovuta għad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva: huwa jassumi li din hija marbuta mas-simplifikazzjonijiet tal-2015 fir-reġim legali tar-Reġistru Internazzjonali tat-Tbaħħir ta' Madeira flimkien mat-tnaqqis tat-taxxa eżistenti.

Seba' Stati Membri li daħħlu l-ekwipaġġi ta' bastimenti tal-baħar fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tagħhom li tittrasponi d-Direttiva dwar ir-Redundancies Kollettivi ma rrapportaw l-ebda bidla (DE, CY, MT, LV, LU, HU) jew l-ebda bidla sinifikanti (HR) fl-għadd ta' bastimenti li jtajru l-bnadar tagħhom. Dawn l-Istati Membri, flimkien mal-Litwanja, ma indikaw l-ebda bidla b'rabta mal-inklużjoni ta' bastimenti tal-baħar fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni li tittrasponi d-Direttiva dwar it-Trasferiment tal-Impriżi.

Tliet Stati Membri rrapportaw li ma kellhom l-ebda *data* relatata mal-estensjoni tar-regoli dwar ir-redundancies kollettivi għall-ekwipaġġi ta' bastimenti tal-baħar (BG, DK, LT). Erba' Stati Membri rrapportaw ukoll li ma kellhom l-ebda *data* dwar l-estensjoni tal-leġiżlazzjoni dwar it-trasferiment tal-impriżi biex jinkludu bastimenti tal-baħar (BG, DK, RO, SK). Dawk li ma rrapportaw l-ebda impatt kienu seba' Stati Membri li qabel ma kinux eskludew lill-baħħara mil-liġijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva dwar ir-Redundancies Kollettivi (ES, FR, NL, RO, SI, SE) u ħames Stati Membri li qabel ma kinux eskludew lill-bastimenti tal-baħar mil-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva dwar it-Trasferiment tal-Impriżi (ES, FR, SI, SE).

Il-Finlandja rrapportat li ma kien hemm l-ebda tibdil sinifikanti billi l-liġi nazzjonali dwar ir-redundancies kollettivi diġà kienet tapplika għall-baħħara qabel u billi l-baħħara diġà kellhom drittijiet parzjali b'rabta mat-trasferiment tal-impriżi. Żewġ Stati Membri ddikjaraw li ma kinux Stati

tal-bandiera għall-bastimenti li jaqgħu taħt l-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva (CZ, AT). Is-Slovakkja rrapportat li ma kinitx Stat tal-bandiera għall-bastimenti li jaqgħu taħt l-Artikolu 4 tad-Direttiva.

3.1.4.2. Impatt fuq l-għadd ta' baħħara

B'mod ġenerali, it-tweġibiet tal-Istati Membri juru wkoll li l-implimentazzjoni tal-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva ma kinitx ta' detriment għall-għadd ta' baħħara. Dan jissuġġerixxi li d-dħul fis-seħħ tal-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva u d-dispożizzjonijiet nazzjonali relatati ma kellhomx impatt fuq il-livell ta' impjieg tal-baħħara fuq bastimenti rreġistrati fl-Istati Membri.

Żewġ Stati Membri biss osservaw tnaqqis fl-għadd ta' baħħara (EE, EL). Il-Greċja rrapportat tnaqqis fil-baħħara impjegati fuq bastimenti li jtajru l-bandiera Griega minn mindu ttrasponiet id-Direttiva fl-2018, iżda ma pprovdiet l-ebda ċifra speċifika. L-Estonja rrapportat tnaqqis fl-għadd ta' membri tal-ekwipaġġ tal-flotta merkantili u tnaqqis żgħir fl-għadd ta' sajjieda, iżda wkoll ma pprovdietx ċifri speċifiċi. Iż-żewġ pajjiżi ma rabtux it-tnaqqis mad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva. L-Estonja spjegat li s-suppożizzjoni ta' ħidma hija li hemm raġunijiet oħrajn involuti, bħall-pandemija tal-COVID-19 u t-tnaqqis fl-għadd ta' vjaġġi meħuda.

Fil-Belġju, id-*data* tas-sigurtà soċjali wriet tnaqqis żgħir fl-impjiegi fis-settur tal-flotta merkantili[14], filwaqt li l-għadd ta' sajjieda baqa' stabbli. B'rabta mal-inklużjoni tal-baħħara fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva dwar ir-Redundancies Kollettivi, il-Latvja rrapportat tnaqqis fl-għadd ta' baħħara bi kwalifiki tal-flotta merkantili u żieda fl-għadd ta' baħħara bi kwalifiki biex ikunu parti mill-ekwipaġġ ta' bastiment tas-sajd. Iż-żewġ pajjiżi ma setgħux jorbtu dan l-iżvilupp mad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva. Il-Latvja ppreżumiet li l-ixprunaturi ewlenin kienu l-kompetizzjoni mal-baħħara Asjatiċi, l-opportunitajiet ta' skjerament mill-ġdid fuq l-art u, speċifikament għas-sajjieda, il-bidliet fir-rekwiżiti ta' kwalifika għall-kaptani tad-dgħajjes.

Żewġ Stati Membri (IE, PT) osservaw żieda fl-għadd ta' baħħara. Huma ma pprovdew l-ebda *data* dettaljata, u lanqas ma rabtuha mad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva. Għall-Irlanda, iż-żieda hija r-riżultat taż-żieda fl-għadd ta' bastimenti merkantili. Il-Portugall jassumi li, bħaż-żieda fl-għadd ta' bastimenti, iż-żieda fl-għadd ta' baħħara hija marbuta wkoll mas-simplifikazzjonijiet tal-2015 fir-reġim legali tar-Reġistru Internazzjonali tat-Tbaħħir ta' Madeira.

Tliet Stati Membri ma nnotaw ebda bidla sinifikanti fl-għadd ta' baħħara (HR, IT, FI). Fl-Italja, l-għadd ta' baħħara baqa' essenzjalment l-istess bejn l-2017 u l-2020 (-1,4 % minn 26 105 għal 25 744): it-tnaqqis fl-għadd ta' bastimenti tal-merkanzija kien parzjalment ikkumpensat b'bastimenti tal-passiġġieri li jeħtieġu aktar persunal, u ħafna mill-protezzjonijiet previsti fid-Direttiva kienu diġà applikaw għall-membri tal-ekwipaġġ tal-bastimenti tal-baħar. L-għadd ta' baħħara fil-Finlandja ma nbidilx b'mod sinifikanti mill-2017 sal-2019; tnaqqis fl-għadd ta' baħħara fl-2020 tqies li huwa marbut mal-pandemija tal-COVID-19.

Erba' Stati Membri ma rrapportaw l-ebda bidla fl-għadd ta' baħħara (CZ, HU, MT, PL). Il-Litwanja ma rrapportat l-ebda bidla b'rabta mal-inklużjoni ta' bastimenti tal-baħar fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni li tittrasponi d-Direttiva dwar it-Trasferiment tal-Impriżi. Iċ-Ċekja spjegat li,

[14] Min-naħa l-oħra, id-*data* mill-kumitat konġunt għas-settur tal-flotta merkantili wriet żieda qawwija fl-impjiegi, spjegata, madankollu, mill-inklużjoni reċenti tas-setturi tat-tħammil u tal-offshore fis-settur tal-flotta merkantili.

minħabba li ma hemm l-ebda bastiment kummerċjali tal-baħar irreġistrat taħt il-bandiera Ċeka, l-għadd mhux mibdul ta' baħħara jikkonċerna baħħara bi ktieb tal-baħħara maħruġ mill-Awtorità Marittima Ċeka li huma impjegati fuq bastimenti tal-baħar li joperaw taħt diversi bnadar tal-UE u mhux tal-UE. Il-Ġermanja ddikjarat li d-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 4 tad-Direttiva ma kellu l-ebda effett fuq l-għadd ta' baħħara.

Sitt Stati Membri ma setgħux jipprovdu *data* dwar l-impatt tad-Direttiva fuq l-għadd ta' baħħara b'rabta mal-estensjoni tar-regoli dwar ir-redundancies kollettivi għall-ekwipaġġi ta' bastimenti tal-baħar (BG, DK, CY, LT, LU, RO). Dawn l-Istati Membri, flimkien mal-Latvja u s-Slovakkja, irrapportaw li ma kellhomx *data* dwar l-għadd ta' baħħara b'rabta mal-estensjoni tal-leġiżlazzjoni dwar it-trasferiment tal-impriżi. Fuq l-istess suġġett, in-Netherlands spjegaw li, filwaqt li kellhom *data* tal-2021 dwar il-persunal fuq bastimenti li jtajru l-bandiera Netherlandiża (4 600 membru tal-persunal Netherlandiż, 16 000 membru tal-persunal barrani), huma ma kellhom l-ebda *data* preċedenti affidabbli għat-tqabbil.

Ħames Stati Membri (ES, FR, NL, SI, SE) qabel ma kinux eskludew lill-baħħara mil-liġijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva dwar ir-Redundancies Kollettivi u, għalhekk, ma rrapportaw l-ebda impatt fuq l-għadd ta' baħħara. Bl-istess mod, erba' Stati Membri (ES, FR, SI, SE), li qabel ma kinux eskludew lill-baħħara mil-liġijiet nazzjonali tagħhom li jittrasponu d-Direttiva dwar it-Trasferiment tal-Impriżi, ma rrapportaw l-ebda impatt. L-Awstrija ddikjarat li ma hijiex Stat tal-bandiera għall-bastimenti li jaqgħu taħt l-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva, u s-Slovakkja rrapportat li ma hijiex Stat tal-bandiera għall-bastimenti li jaqgħu taħt l-Artikolu 4 tad-Direttiva.

3.2 Kummenti mis-sħab soċjali

Għal min iħaddem fis-settur marittimu, l-ECSA qieset li l-Istati Membri applikaw u infurzaw l-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva b'mod sodisfaċenti. Skont l-ECSA, kemm l-għadd ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru kif ukoll l-għadd ta' baħħara kienu stabbli. Europêche, li tirrappreżenta lil min iħaddem fis-settur tas-sajd, ma għamlet ebda kontribuzzjoni.

Għas-sħab soċjali li jirrappreżentaw lill-ħaddiema, l-ETF ma setgħetx tipprovdi informazzjoni sostanzjali dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar it-trasferimenti tal-impriżi minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni mill-affiljati tagħha. Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar ir-redundancies kollettivi, l-ETF iddikjarat li hija ma rċevitx informazzjoni mingħand l-affiljati kollha tagħha u li dawk l-affiljati li wieġbu ma rreġistrawx bidla fl-għadd ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru jew fl-għadd ta' baħħara.

4. Konklużjonijiet

L-Istati Membri kollha rrapportaw miżuri ta' traspożizzjoni għall-emendi għad-Direttiva dwar ir-Redundancies Kollettivi li tinkludi l-ekwipaġġ ta' bastimenti tal-baħar fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha u li tinkludi bastimenti tal-baħar fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trasferiment tal-Impriżi. Mhux kollha kemm huma għaddew liġijiet ġodda jew emendaw atti eżistenti, hekk kif dan ma kienx meħtieġ f'dawk l-Istati Membri li ma kinux diġà eżentaw (l-ekwipaġġ ta') bastimenti tal-baħar mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli nazzjonali tagħhom fil-passat. Dan tejjeb id-drittijiet tal-baħħara li qabel ma kellhomx il-protezzjoni mogħtija minn dawn id-direttivi.

L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva li jobbliga lil min iħaddem jinnotifika r-redundancies kollettivi ppjanati lill-awtorità kompetenti tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment, ġie traspost mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri bħala notifika lill-awtorità kompetenti tagħhom stess. B'riżultat ta' dan, l-awtorità se tkun l-

istess bħal dik li lilha jridu jiġu nnotifikati r-redundancies kollettivi tal-ħaddiema l-oħrajn kollha. Ftit Stati Membri biss ittrasponewha bħala obbligu li jinnotifikaw lill-Istat tal-bandiera.

L-esperjenza bl-applikazzjoni prattika tal-emendi għad-Direttiva dwar ir-Redundancies Kollettivi u għad-Direttiva dwar it-Trasferiment tal-Impriżi hija limitata ħafna. Ħames Stati Membri biss irrapportaw bejn notifika waħda u sitt notifiki ta' redundancies kollettivi li jinvolvu l-ekwipaġġ ta' bastiment tal-baħar, u żewġ Stati Membri rrapportaw trasferiment wieħed jew żewġ trasferimenti ta' bastimenti tal-baħar. L-ebda Stat Membru ma rrapporta proċedimenti legali.

It-tħassib li l-emendi jagħmlu ħsara lis-settur marittimu billi jikkawżaw il-bdil tal-Istat tal-bandiera u t-telf tal-impjiegi wera li huwa bla bażi. B'rabta mal-fatt li l-ekwipaġġ tal-bastimenti tal-baħar iddaħħal fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Redundancies Kollettivi u l-bastimenti tal-baħar iddaħħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trasferiment tal-Impriżi, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u s-sħab soċjali settorjali li jirrappreżentaw lill-maniġment u lill-ħaddiema ma rrapportaw l-ebda bidla fl-għadd ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru jew fl-għadd ta' baħħara. Fejn l-Istati Membri rrapportaw tnaqqis jew żieda fl-għadd ta' tali bastimenti jew fl-għadd ta' baħħara, huma ddikjaraw li dawn l-iżviluppi ma kinux marbuta mal-inklużjoni ta' (l-ekwipaġġ ta') bastimenti tal-baħar fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn iż-żewġ direttivi.